MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 374/2014

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta’ Gunju 1962, (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zmien kellhom erbghat itfal, illum maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Elena Farrugia mill-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom tmien snin separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-ulied huma llum kollha maggorenni u 'il fuq minn tlieta u ghoxrin sena u ghahekk l-intimata m'hijiex aktar intitolata ghall-manteniment skont Klawsola (2) (d) u (3) ghat-tfal taghha;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti tikkonferma illi m'ghandha ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti;
2. Illi l-esponenti tikkonferma illi ma hemm l-ebda pendenzi bejn il-kontendenti;

3. Illi l-esponenti tikkontendi li hija m'ghandhiex tissaporti ebda spejjez ta' dawn il-proceduri u dan stante illi m'ghandha ebda htija li setghet taghti lok ghat-talbiet tar-rikorrenti;
4. Illi fl-ahharnett l-esponenti, minhabba ragunijiet ta' sahha, titlob illi tigi ezentata milli tidher quddiem din il-Qorti sabiex terga tikkonferma l-kontenut ta' din ir-risposta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Settembru, 2014;

Semghet lil Andrew B, il-prokuratur specjali tar-rikorrenti f'dawn il-proceduri jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Dicembru 2002;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------